



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5325/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0004(NLE)

EDUC 12
ENV 41
CLIMA 16
SOC 25
SUSTDEV 7
JEUN 7
RECH 19

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 11 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 11 final.

Mehmuż: COM(2022) 11 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.1.2022
COM(2022) 11 final

2022/0004 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2022) 3 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-akbar sfida u opportunità ta' żminijietna huwa li nsiru l-ewwel kontinent fid-dinja b'impatt newtrali fuq il-klima. Dan jinvolve t-tehdid ta' azzjoni deċiżiva issa stess.

Ursula von der Leyen, fil-Linji Gwida Politiċi

Ninsabu f'mument kritiku: l-azzjoni tal-bniedem wasslitna qrib li nikkawżaw ħsara irreparabbli lill-pjaneta tagħna, li hija l-proprju sors tal-eżistenza u tal-benesseri tagħna. Biex niżguraw futur fejn nistgħu ngħixu fil-prosperità, hemm bżonn urġenti ta' azzjonijiet kollettivi u individwali biex is-soċjetà u l-ekonomija tagħna jaqdbu triq sostenibbli. Iż-żgħażaġh b'mod speċjali qed isemmgħu leħinhom u qed ikunu attivi, qed jitolbu bidla u jappellaw lill-awtoritajiet pubbliċi biex jieħdu azzjoni b'mod urġenti biex jipproteġu l-klima u l-ambjent għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri. Ħafna nies huma tal-fehma li l-iskola qed tonqos milli tagħtihom fehim adegwat tat-tibdil fil-klima, tal-ambjent u ta' kif jistgħu jgħixu u jaġixxu b'mod aktar sostenibbli¹.

Il-Kummissjoni, taħt it-tmexxija tal-President von der Leyen, ippreżentat strateġija ambizzjuża biex tagħti r-riżultati fir-rigward tas-sostenibbiltà u fir-rigward tal-bidliet trasformattivi meħtieġa fl-ekonomija u fis-soċjetà tagħna, bil-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-iżvilupp sostenibbli huwa prinċipju ewleni tal-Unjoni Ewropea u t-tweġġiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU huwa objettiv ta' prijarità għall-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Permezz tal-allinjament tal-azzjoni f'firxa ta' oqsma ta' politika, fosthom l-enerġija, l-ambjent, il-mobbiltà u l-agrikoltura, l-UE qed timmira li tikseb tranżizzjoni ekoloġika li tkun ġusta u inklużiva. **Bħas-setturi kollha, l-edukazzjoni u t-taħriġ ukoll iridu jieħdu azzjoni biex jirreaġixxu għall-emerġenza klimatika u għall-kriżi tal-pjaneta – f'termini tal-operazzjonijiet tagħhom u, b'mod kruċjali, fir-rigward ta' kif jippreparaw lill-istudenti għall-futur.**

Il-Komunikazzjoni dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni², il-Patt Ekoloġiku Ewropew³ u inizjattivi ewlenin oħrajn⁴ jirrikonoxxu r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ fit-tranżizzjoni ekoloġika. Jeħtieġ li l-istudenti ta' kull età jkunu jistgħu jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet biex jgħixu b'mod aktar sostenibbli, jibdlu x-xejriet tal-konsum u tal-produzzjoni, iħaddnu stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa u jikkontribwixxu – kemm individwalment kif ukoll kollettivament – għat-trasformazzjoni tas-soċjetajiet tagħna.

Biex dan jinkiseb jenħtieġ approċċ ta' apprendiment tul il-ħajja lejn apprendiment għas-sostenibbiltà ambjentali, b'modi ta' apprendiment prattiċi, li jinvolve lill-istudenti u li huma bbażati fuq l-azzjoni li jrawmu (i) l-għarfien, il-fehim u l-ħsieb kritiku (apprendiment konjittiv); (ii) l-iżvilupp tal-ħiliet prattiċi (apprendiment applikat); u (iii) l-empatija, is-solidarjetà u l-ħsieb tan-natura (apprendiment soċjoemozzjonali). Huma meħtieġa approċċi interdixxiplinarji biex jgħinu lill-istudenti jifhmu l-interkonnnettività tas-sistemi ekonomiċi, soċjali u naturali.

Sfidi rigward l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali

¹ <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2224>

² COM(2020) 625 final

³ COM(2019) 640 final

⁴ L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, il-Patt Klimatiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Aġenda tal-UE dwar il-Ħiliet u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (2021-2030)

Qegħdin iseħħu għadd dejjem jikber ta' inizjattivi u azzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u s-sostenibbiltà madwar l-Ewropa fl-edukazzjoni bikrija, fl-iskejjel, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali, fl-edukazzjoni għolja u fl-organizzazzjonijiet komunitarji. F'ħafna pajjiżi, hemm fis-seħħ politiki u strateġiji relatati mal-edukazzjoni ambjentali u mas-sostenibbiltà u kunċetti daqstant ieħor vijabbli, bħall-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u l-kompetenza globali. Madankollu, minkejja għexieren ta' snin ta' sforz u inizjattivi, **it-tagħlim favur is-sostenibbiltà ambjentali għadu ma huwiex karatteristika sistemika tal-politika u tal-prattika fl-UE.**

Ftit huma l-pajjiżi li daħħlu l-apprendiment tul il-ħajja bħala prinċipju gwida għas-sostenibbiltà fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Sabiex jiġi żviluppat il-potenzjal shi tagħhom, jeħtieġ li l-apprendiment u t-tagħlim dwar is-sostenibbiltà ambjentali jseħħu mhux biss fl-iskejjel u fl-edukazzjoni għolja iżda fil-partijiet kollha tas-sistema (formali, mhux formali, informali) u fil-livelli kollha (mit-tfulija bikrija sal-età adulta u l-anzjanità).

Il-pajjiżi ta' spiss jiffaċċjaw id-diffikultajiet biex jimplimentaw u jissorveljaw il-politiki marbutin mal-edukazzjoni u t-taħriġ favur is-sostenibbiltà ambjentali. Ta' spiss ma jkunx hemm miri, azzjonijiet u indikaturi speċifiċi u viżjoni ċara. In-natura interdixxiplinarja tal-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali; il-ħtieġa ta' pedagoġiji ċċentrati fuq l-istudent; approċċi ġodda għall-valutazzjoni; bidla organizzazzjonali; u sħubijiet komunitarji jistgħu jmorru kontra l-kulturi u n-normi stabbiliti fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

Il-kopertura tas-sostenibbiltà ambjentali, inkluża l-bijodiversità, fil-kurrikuli bħalissa hija frammentata u ma tistax titqies bħala waħda komprensiva fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Ftit huma l-pajjiżi li jagħmlu referenzi speċifiċi għall-kompetenzi tas-sostenibbiltà, l-oġettivi ta' apprendiment relatati u kif jenħtieġ li dawn jiġu vvalutati. Il-kwistjonijiet relatati mal-ambjent u mas-sostenibbiltà ta' spiss jiddaħħlu max-xjenza u l-ġeografija, iżda s-suġġetti kollha, u kombinazzjonijiet ta' suġġetti, jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-fehim tal-istudenti dwar dawn il-kwistjonijiet.

Ħafna edukaturi madwar l-Ewropa diġà qed jgħallmu b'mod attiv, jew qed jaspiraw li jgħallmu b'mod li jiffavorixxi s-sostenibbiltà ambjentali. Fl-istess ħin, ħafna jgħidu li ma għandhomx l-għarfien espert u t-taħriġ, b'mod partikolari, fir-rigward ta' approċċi interdixxiplinarji, pedagoġiji attivi u minħabba li s-suġġett huwa diffiċli.

Għadu ma huwiex mifrux fost l-istituzzjonijiet edukattivi l-approċċ tal-istituzzjoni sħiħa, fejn is-sostenibbiltà tkun inkorporata fil-proċessi u fl-operazzjonijiet kollha, fost affarijiet oħra, dan huwa l-każ anki għaliex ma hemmx biżżejjed finanzjament u appoġġ. L-istituzzjonijiet ta' spiss ma jkollhomx id-data u l-għodod dwar kif jimmonitorjaw l-effikaċja tal-inizjattivi u l-isforzi favur is-sostenibbiltà.

Lejn bidla profonda u trasformattiva

L-għadd li dejjem qed jikber ta' proġetti u programmi marbutin ma' kwistjonijiet ta' sostenibbiltà ambjentali qed juri li l-interess f'dawn il-kwistjonijiet u l-impenn favurihom qiegħed jiżdied. Madankollu, ħafna mill-inizjattivi għadhom limitati fiż-żmien u fl-ambitu tagħhom. Minħabba l-urġenza tal-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità, wasal iż-żmien li ssir bidla gradwali lejn bidla profonda u sistemika fl-edukazzjoni u t-taħriġ minflok l-inizjattivi iżolati li qed isiru bħalissa.

L-integrazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali fil-politiki, fil-programmi u fil-proċessi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija essenzjali biex jitravmu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika. Hija meħtieġa l-azzjoni vertikali, fil-livelli individwali u istituzzjonali sal-livell tas-sistemi, u l-azzjoni orizzontali, jiġifieri jeħtieġ li l-partijiet ikkonċernati kollha fl-edukazzjoni u t-taħriġ jaħdmu flimkien f'sinerġija biex

jiżguraw li **s-sostenibbiltà tkun ankrata sew fl-esperjenza sħiħa tal-apprendiment tal-istudenti.**

Jeħtieġ li jiġu żviluppati u li jitkomplew **miżuri għal żmien qasir** biex jappoġġaw lill-istituzzjonijiet u lill-edukaturi u biex jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet u l-mentalità meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika. Fuq **perjodu ta' żmien medju u fit-tul**, jenħtieġ li l-isforzi kollha ta' riforma fl-edukazzjoni u t-taħriġ isostnu l-bidliet meħtieġa favur futur aktar ekoloġiku u aktar sostenibbli, u jkunu allinjati magħhom.

Il-konsultazzjonijiet u l-evidenza tar-riċerka għat-tħejjija ta' din il-proposta wrew biċ-ċar li sabiex is-sostenibbiltà ambjentali tiġi integrata bis-sħiħ fl-edukazzjoni u t-taħriġ, hija meħtieġa l-azzjoni fuq għadd ta' aspetti.

L-apprendiment effettiv favur is-sostenibbiltà ambjentali:

- Jibda mill-edukazzjoni u l-indukrar fit-tfulija bikrija
- Jieħu approċċ ta' apprendiment tul il-ħajja
- Joħloq ambjenti ta' apprendiment ta' appoġġ fejn l-istituzzjoni kollha kemm hi tkun attiva fis-sostenibbiltà
- Jiffoka fuq l-istudenti, jinvolvi lill-istudenti, ikun pożittiv u bbażat fuq esperjenzi mill-ħajja reali
- Jappoġġa lill-edukaturi, fosthom it-timijiet ta' tmexxija, biex jgħallmu u jaġixxu favur is-sostenibbiltà
- Irawwem il-kollaborazzjoni u s-sħubijiet fil-komunitajiet lokali u f'komunitajiet usa'
- Jinvolvi liż-żgħażaġh b'modi sinifikanti
- Jibni l-kompetenzi tas-sostenibbiltà
- Ikun ibbażat fuq politiki b'saħħithom

L-apprendiment u t-tagħlim favur is-sostenibbiltà ambjentali jistgħu jappoġġaw bis-sħiħ aġendi edukattivi oħrajn ta' inklużjoni, ta' kwalità, ta' innovazzjoni, ta' internazzjonalizzazzjoni u ta' apprendiment iċċentrat fuq l-istudenti. **Għandu potenzjal kbir u huwa opportunità eċċellenti biex it-tagħlim isir aktar rilevanti; biex jiġu mmotivati l-istudenti u l-edukaturi; u biex jiġu żviluppati kompetenzi li qegħdin isiru dejjem aktar meħtieġa għall-ħajja u għax-xogħol.**

(1) L-oġettivi tar-Rakkomandazzjoni proposta

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li:

- tesprimi viżjoni u fehim komuni fil-livell tal-UE dwar il-bidliet profondi u trasformattivi meħtieġa fl-edukazzjoni u fit-taħriġ għat-tranżizzjoni ekoloġika;
- tiżviluppa approċċ koerenti lejn il-kompetenzi, il-ħiliet u l-attitudnijiet li jeħtieġu li n-nies jaġixxu, jgħixu u jaħdmu b'mod sostenibbli, issaħħaħ l-importanza tal-apprendiment tul il-ħajja biex ikun żgurat li kull persuna minn età żgħira sal-età adulta tkun tista' tikseb daww il-kompetenzi u l-ħiliet;
- tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien espert ta' min ifassal il-politika, tar-riċerkaturi u tal-edukaturi u tal-aħjar Prattiki fil-livelli tas-sistema u tal-istituzzjonijiet;
- tappoġġa inizzjattivi fil-livell tal-UE għat-trawwim tat-tagħlim favur is-sostenibbiltà ambjentali; u
- tinkoraġġixxi l-investiment fl-oqsma msemmijin hawn fuq.

(2) Dimensjoni internazzjonali

Filwaqt li tiffoka bis-sħiħ fuq l-ambizzjonijiet u l-prijoritajiet tal-UE biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-proposta **tikkomplementa u tibni fuq il-ħidma fil-livell internazzjonali**. Se timmobilizza lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex l-azzjoni li tikkontribwixxi għall-aġenda tal-UNESCO, b'mod partikolari l-**Pjan Direzzjonali tal-ESD għall-2030**, tkun ikkonċertata, u se tappoġġa l-**impenn tal-UE lejn l-Aġenda 2030 tan-NU**, li hija l-pjan ta' azzjoni dinji għall-iżvilupp sostenibbli globali.

(3) Komplementarjetà u sinerġiji ma' inizjattivi oħrajn tal-UE dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ

- Il-Komunikazzjoni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni⁵,
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030)⁶,
- Il-Komunikazzjoni dwar Żona Ewropea tar-Riċerka ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁷,
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa⁸,
- L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza⁹,
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza¹⁰,
- Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027)¹¹,
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja¹²,
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Universitajiet Ewropej¹³,
- The future Erasmus+ Teacher Academies¹⁴,
- Il-qafas tal-kwalità tal-UE għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal¹⁵,
- Il-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima¹⁶
- Il-proposta ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għat-taħriġ tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà¹⁷,
- L-Istrateġija Ewropea futura għall-Universitajiet,

⁵ COM(2020) 625 final

⁶ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2021/C 66/01

⁷ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020DC0628&from=GA>

⁸ <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/1a0df8ff-5313-11ec-91ac-01aa75ed71a1>

⁹ COM(2020) 274 final

¹⁰ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020H1202\(01\)&from=EN](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020H1202(01)&from=EN)

¹¹ COM(2020) 624 final

¹² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2018/C 189/01

¹³ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill 2021/C 221/03

¹⁴ <https://erasmus-plus.ec.europa.eu/program-guide/part-b/key-action-2/teacher-academies>

¹⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 189/4

¹⁶ Education for Climate Coalition : https://education-for-climate.ec.europa.eu/_en

¹⁷ <https://education.ec.europa.eu/mt/approcc-ewropew-għall-mikrokredenzjali>

- Il-proposta li ġejja għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja.
- (4) Konsistenza ma' politiki oħrajn
 - Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku¹⁸,
 - L-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030¹⁹,
 - Il-pjan ta' rkupru NextGenerationEU²⁰,
 - Il-Patt Klimatiku Ewropew²¹,
 - Il-Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari²²,
 - Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali²³,
 - L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030²⁴,
 - Il-Komunikazzjoni dwar il-Bauhaus Ewropea²⁵,
 - Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal²⁶.
 - Il-Komunikazzjoni dwar Żona Ewropea tar-Riċerka ġdida²⁷,
 - Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka²⁸,
 - L-Aġenda l-Ġdida għall-Konsumaturi²⁹.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta hija konformi mal-Artikoli 165(4) u 166(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-inizjattiva ma tipproponi l-ebda estensjoni tas-setgħa regolatorja tal-UE jew impenji vinkolanti fuq l-Istati Membri. Se jkun l-Istati Membri li jiddeċiedu kif jimplimentaw din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

L-Istati Membri għandhom il-kultura u l-leġiżlazzjoni tagħhom għat-tfassil u għall-organizzazzjoni tal-apprendiment. Il-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huma r-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, l-evidenza turi li dawn jiffaċċjaw għadd ta' kwistjonijiet komuni b'rabta mat-tħejjija tas-sistemi

¹⁸ COM(2019) 640 final

¹⁹ COM(2020) 380 final

²⁰ https://ec.europa.eu/info/strategy/recovery-plan-europe_mt

²¹ COM(2020) 788 final

²² COM(2020) 98 final

²³ COM(2017) 250

²⁴ COM(2021) 101 final

²⁵ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda_21_4627

²⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004

²⁷ COM(2020) 628 final

²⁸ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill 13567/20

²⁹ COM(2020) 696 final

tagħhom tal-edukazzjoni u t-taħriġ, anki fil-każ tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali.

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-proposta tiddeskrivi t-triq 'il quddiem għall-edukazzjoni u t-taħriġ favur is-sostenibbiltà ambjentali u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet għal dan il-għan.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(4) tat-TUE.

La l-kontenut u lanqas il-forma ta' din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta ma jaqbuż dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. L-impenji li l-Istati Membri se jagħmlu huma ta' natura volontarja u kull Stat Membru jibqa' liberu li jiddeċiedi liema approċċ għandu jieħu.

- **Għażla tal-istrument**

Sabiex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġettivi msemmija fl-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dan it-Trattat jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' Rakkomandazzjonijiet, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija strument xieraq fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fejn l-UE għandha responsabbiltà ta' appoġġ, u hija strument li ta' spiss intuża għall-azzjoni Ewropea f'dawn l-oqsma. Bħala strument legali, tagħti sinjal tal-impenn tal-Istati Membri lejn il-miżuri ppreżentati u tipprovdi bażi politika aktar soda għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ l-awtorità tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-kontribut għall-proposta nġabar matul il-konsultazzjoni pubblika dwar l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali, li saret mit-18 ta' Ġunju sal-24 ta' Settembru 2021 (waslu 1352 tweġiba u 96 dokument ta' pożizzjoni) kif ukoll minn konsultazzjonijiet immirati mal-Istati Membri, mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, mal-ġhalliema, mal-ħarrieġa u ma' edukaturi oħrajn, mal-istudenti u mar-rappreżentanti taż-żgħażaġh u ma' partijiet ikkonċernati u esperti fil-qasam oħrajn Ewropej.

- **Ġbir u użu tal-ġharfien expert**

Biex jinġabar kontribut għall-proposta ġew ikkummissjonati tliet studji: (i) l-immappjar tal-kurrikuli, tal-politiki u ta' miżuri oħrajn fl-Istati Membri, fosthom rieżami tal-letteratura, immappjar tar-riċerka nazzjonali u tal-politika, rieżami tal-kurrikuli tal-iskejjel, sħarriġ tal-ġhalliema, studji ta' każijiet u gruppi fokus; (ii) l-immappjar ta' proġetti tal-Erasmus+ relatati mal-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali; u (iii) studju dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ favur l-iżvilupp sostenibbli fil-kuntest tal-COVID-19 u tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-approċċ komplementari tal-attivitajiet għall-inizjattivi tal-Istati Membri, in-natura volontarja tal-attivitajiet proposti u l-ambitu tal-impatti mistennija, ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt. L-iżvilupp tal-proposta ġie infurmat minn studji, minn konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati u minn konsultazzjoni pubblika. Din tappoġġa bis-sħiħ l-impenn tal-UE li tilħaq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, stabbilit fl-Artikolu 8, u d-dritt għall-edukazzjoni, stabbilit fl-Artikolu 14.

Il-miżuri se jitwettqu f'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679³⁰ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din l-inizjattiva mhux se teħtieġ riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Biex tappoġġa l-implimentazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi li b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tiżviluppa r-riċerka, il-materjal ta' gwida u riżultati tanġibbli oħrajn, abbażi ta' evidenza, ta' attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari, u tal-identifikazzjoni ta' prattiki tajba.

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tirrapporta dwar l-użu tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-kuntest tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Deskrizzjoni tar-Rakkomandazzjoni u tad-dokument ta' ħidma tal-persunal**

L-abbozz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill jipproponi gwida u azzjoni li jistgħu jiġu segwiti mill-Istati Membri sabiex ikomplu jintegraw is-sostenibbiltà ambjentali fl-edukazzjoni u fit-taħriġ u jiżviluppaw il-kompetenzi tas-sostenibbiltà tal-istudenti kollha. Dan jispjega l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tikkomplementa u li tappoġġa l-azzjoni f'dan il-qasam. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah jiddeskrivi evidenza mir-riċerka riċenti, opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u jipprovdi d-dettalji dwar il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza għat-Tibdil fil-Klima u għall-Iżvilupp Sostenibbli.

³⁰

Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4) u 166(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew³¹ u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³² jenfasizzaw ir-rwol ewlieni tal-iskejjel, tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u ta' istituzzjonijiet oħrajn ta' taħriġ biex jinvolvu lill-istudenti, lill-ġenituri, lill-edukaturi³³ u lill-komunità ġenerali fir-rigward tal-bidliet meħtieġa għal tranżizzjoni ekoloġika li tinneksi.
- (2) L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, b'mod partikolari l-Mira 4.7, jappellaw biex sal-2030, l-istudenti kollha jkunu kisbu l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, inkluż, fost l-oħrajn, permezz tal-edukazzjoni favur l-iżvilupp sostenibbli u stili ta' ħajja sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-promozzjoni ta' kultura ta' paċi u ta' nonvjolenza, iċ-ċittadinanza globali u l-apprezzament tad-diversità kulturali u tal-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli.
- (3) Il-Komunikazzjoni dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni³⁴, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali³⁵ u l-Komunikazzjoni dwar ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni³⁶ jappellaw biex il-politiki u l-investimenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu mmirati lejn tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali inklużivi għar-reżiljenza u l-prospertà fil-futur.

³¹ COM(2019) 640 final

³² COM(2020) 380 final

³³ Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-edukaturi jinkludu l-għalliema (dawkli għandhom l-istatus rikonoxxut ta' għalliem jew ekwivalenti skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali) u l-ħarrieġa (kull min iwettaq attività waħda jew aktar marbuta mal-funzjoni ta' taħriġ teoretiku jew Prattiku, jew f'istituzzjoni għall-edukazzjoni jew għat-taħriġ, jew fuq il-post tax-xogħol). Dan jinkludi lill-għalliema fl-edukazzjoni ġenerali u fl-edukazzjoni għolja, lill-għalliema u lill-ħarrieġa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwu, kif ukoll lill-professjonisti tal-edukazzjoni u tal-indukrar fit-tfulija bikrija u lill-edukaturi tal-adulti.

³⁴ COM(2020)625 final

³⁵ [Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://european-council.europa.eu/media/e30004/en/press/commun/2020/06/20200625-01_en.pdf)

³⁶ COM(2020)628 final

- (4) Il-kompetenzi ewlenin, kif iddefiniti fil-Qafas Ewropew ta' Referenza dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Hajja³⁷, għandhom l-għan li jappoġġaw lin-nies madwar l-Ewropa biex jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għas-sodisfazzjon personali, għas-saħħa, għall-impjegabbiltà u għall-inklużjoni soċjali fi żmien ta' bidla rapida u profonda.
- (5) L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa³⁸ ħabbret l-appoġġ għall-iżvilupp ta' sett ta' ħiliet ewlenin u ekoloġiċi maħsub għas-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tinholq ġenerazzjoni ta' professjonisti li jaħsbu fl-ambjent u ta' operaturi ekonomiċi ekoloġiċi, dan se jkun jintegra l-kunsiderazzjonijiet ambjentali u klimatiċi fl-iskola, fl-edukazzjoni għolja, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali kif ukoll fir-riċerka. L-Ewropa teħtieġ professjonisti kompetenti ħafna biex issostni t-tranżizzjoni ekoloġika u biex tkun fil-pożizzjoni ewlenija dinjija fit-teknoloġiji sostenibbli.
- (6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza³⁹ tirrikonoxxi s-settur tal-VET bħala wieħed kruċjali għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.
- (7) Il-Patt Klimatiku Ewropew jistieden lill-individwi, lill-komunitajiet u lill-organizzazzjonijiet jipparteċipaw fl-azzjoni klimatika u fil-bini ta' Ewropa aktar ekoloġika billi joffru opportunitajiet ta' apprendiment dwar it-tibdil fil-klima, jiżviluppaw u jimplimentaw is-soluzzjonijiet, u jiltaqqu ma' nies oħrajn biex jimmultiplikaw l-impatt ta' daww is-soluzzjonijiet.
- (8) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali⁴⁰ jipprovdi viżjoni għal edukazzjoni diġitali Ewropea ta' kwalità għolja, inklużiva u aċċessibbli u jenfasizza l-importanza tat-teknoloġiji diġitali bħala fatturi abilitanti b'saħħithom għat-tranżizzjoni ekoloġika filwaqt li, fl-istess ħin, jiffaċilita bidla lejn imġiba sostenibbli kemm fl-iżvilupp ta' prodotti diġitali kif ukoll fl-użu tagħhom.
- (9) Il-Bauhaus Ewropea l-Għda għib dimensjoni kulturali u kreattiva fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, bl-għan li jintwera kif l-innovazzjoni sostenibbli toffri bidliet tanġibbli u pożittivi fil-ħajja tagħna ta' kuljum, inkluż fil-binjiet tal-iskejjel u f'ambjenti oħrajn ta' tagħlim.
- (10) L-UNESCO, permezz tal-programm tagħha ta' Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli, qed taħdem biex l-edukazzjoni ssir parti aktar ċentrali u viżibbli tar-rispons internazzjonali għall-kriżi klimatika u biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-Mira 4.7 dwar l-edukazzjoni favur l-iżvilupp sostenibbli. Skont il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi, il-Partijiet jimpennaw ruħhom li jippromwovu u li jikkooperaw fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, il-parteeipazzjoni pubblika u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar it-tibdil fil-klima.
- (11) Id-data tal-OECD⁴¹ mill-2018 turi li daww li għandhom 15-il sena huma sensibbli ħafna għat-tibdil fil-klima u l-kriżi ambjentali u l-ħtieġa li din tiġi indirizzata. Madankollu, l-istess data turi li hemm ħafna inqas studenti li jħossu sens ta' kontroll fuq l-azzjonijiet u l-konsegwenzi tagħhom biex jagħmlu differenza reali. L-apprendiment dwar l-ambjent u l-kriżi globali jista' jwassal biex l-istudenti jħossuhom

³⁷ ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1–13, Anness

³⁸ COM(2020)274 final

³⁹ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020H1202\(01\)&from=EN](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020H1202(01)&from=EN)

⁴⁰ COM(2020)624 final

⁴¹ OECD (2020), Are Students Ready to Thrive in an Interconnected World? PISA 2018, Volum VI.

megħluba u qishom ma jistgħu jagħmlu xejn, ħaġa li hija aggravata minn informazzjoni mhux preċiża u mid-diżinformazzjoni.

- (12) Is-sistemi u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom id-dmir li jwieġbu għall-għajta dejjem tikber taż-żgħażaġh dwar il-kriżijiet tal-klima u tal-bijodiversità u li jinvolvu liż-żgħażaġh fit-tfassil ta' soluzzjonijiet relatati mal-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali.
- (13) Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat ir-rabtiet mill-qrib tagħna man-natura u mill-ġdid poġġiet il-fokus fuq is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Ittieħdu tagħlimiet dwar possibbiltajiet ġodda għall-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-apprendiment f'ambjenti diversi (inkluż online), l-involviment u l-awtonomija tal-istudenti u r-rabtiet bejn l-apprendiment formali u l-komunità ġenerali. Il-pandemija ukoll żiedet it-tħassib li ilu jeżisti dwar il-benesseri fiżiku, mentali u emozzjonali tat-tfal u taż-żgħażaġh.
- (14) Iċ-ċentri individwali tal-indurkar bikri tat-tfal, l-iskejjel, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, il-fornituri tal-VET u l-komunitajiet lokali qegħdin isiru dejjem aktar attivi fir-rigward tal-kriżijiet tal-klima u tal-bijodiversità. Madankollu, is-sostenibbiltà għadha ma hijiex karatteristika sistemika tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-UE.
- (15) Ħafna edukaturi ma għandhomx appoġġ, għarfien espert, u opportunitajiet ta' taħriġ biex jinkorporaw is-sostenibbiltà ambjentali fil-prattiki tat-tagħlim tagħhom. Ta' spiss iħossuhom li ma humiex mġhamra biżżejjed biex jittrattaw l-ansjetà ekoloġika u l-pessimiżmu ekoloġiku u biex jgħinu lill-istudenti jimpenjaw ruħhom fi kwistjonijiet klimatiċi u ambjentali b'mod pożittiv.
- (16) L-approċċi lejn is-sostenibbiltà li jinvolvu istituzzjonijiet sħaħ u li jinkorporaw l-oqsma kollha ta' attività għadhom ma humiex mifruxa. Approċċi bħal dawn jistgħu jinkludu t-tagħlim u l-apprendiment; ir-riċerka u l-innovazzjoni; il-faċilitajiet u l-operazzjonijiet, u jenħtieġ li jinvolvu lill-istudenti, lill-persunal, lill-ġenituri, u lill-komunitajiet lokali u aktar ġenerali.
- (17) Jeħtieġ li jiġu esplorati iżjed il-potenzjal u l-opportunità li jiġu kkumplimentati u msaħħa aġendi edukattivi oħrajn. It-tagħlim u l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali jistgħu jappoġġaw bis-sħiħ il-politiki u l-programmi għall-benesseri u għall-inklużjoni, is-solidarjetà globali, it-tagħlim iffukat fuq l-istudenti, ir-riċerka u l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali.
- (18) Id-dimensjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ ma hijiex inkluża sistematikament f'politiki oħrajn relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u mas-sostenibbiltà. L-integrazzjoni tal-edukazzjoni f'dawn il-politiki tista' tgħin fl-implimentazzjoni tagħhom, tgħaqqad setturi differenti tas-soċjetà u tal-ekonomija u tinkorpora s-sostenibbiltà b'mod effettiv fl-edukazzjoni.
- (19) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI

- (1) Iżidu b'mod urġenti l-isforzi biex jappoġġaw lis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jieħdu azzjoni favur it-tranżizzjoni ekoloġika sabiex l-istudenti ta' kull età u minn kull sfond ikunu jistgħu jaċċessaw edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi dwar it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u s-sostenibbiltà.
- (2) Jistabbilixxu t-tagħlim favur is-sostenibbiltà ambjentali bħala qasam ta' prijarità fil-politiki u l-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex is-settur ikun jista'

jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika. Jiżviluppaw approċċ komprensiv u kollaborattiv għall-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali li jinvolvi lill-korpi, lill-organizzazzjonijiet u lill-atturi kollha fis-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

- (3) Jipprovdu firxa ta' opportunitajiet ta' apprendiment f'kuntesti diversi, mit-tagħlim fit-tfulija bikrija sat-tagħlim għall-adulti, sabiex l-individwi kollha jkunu jistgħu jitħejjew u jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tranżizzjoni ekoloġika u jaġixxu favur ekonomija li tkun ambjentalment sostenibbli, ċirkolari u newtrali għall-klima u favur soċjetà ġusta.
- (4) Jikkunsidraw il-miżuri li ġejjin fil-livell tas-sistema:
 - (a) Jallinjaw bis-sħiħ l-istrateġiji u l-pjanijiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ mas-sostenibbiltà ambjentali, inklużi dawk relatati mal-kurrikuli u mal-valutazzjoni, mal-pedagoġiji u mal-iżvilupp professjonali tal-edukaturi. Jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' strateġiji u politiki nazzjonali u oħrajn, inkluż dwar kunċetti relatati bħall-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni u mekkaniżmi għas-segwitu u l-monitoraġġ.
 - (b) Jinvestu f'tagħmir, f'riżorsi u f'infrastruttura ekoloġiċi u sostenibbli (bini, ġonna u teknoloġija) għall-apprendiment, għas-soċjalizzazzjoni u għar-rikreazzjoni, biex jiżguraw ambjenti ta' apprendiment tajbin għas-saħħa u reżiljenti.
 - (c) Iqajmu kuxjenza dwar il-benefiċċji u l-opportunitajiet ta' apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali, u jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jaġhmlu l-kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima, tal-bijodiversità u tas-sostenibbiltà rilevanti għall-ħajja ta' kuljum tal-istudenti tagħhom.
 - (d) B'modi sinifikanti u kkoordinati, jinvolvu lit-tfal tal-iskola, lill-istudenti u lil dawk kollha li qed jitgħallmu biex jipproponu u jfasslu l-modi ta' kif jitgħallmu, fejn jitgħallmu u x'jitgħallmu dwar is-sostenibbiltà ambjentali u favuriha. Iħeġġu l-parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri ta' studenti minn kull sfond.
 - (e) Jiżviluppaw oqfsa komprensivi ta' kurrikuli, li jippermettu ż-żmien u l-ispazju għal apprendiment profond favur is-sostenibbiltà ambjentali, sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jiżviluppaw kompetenzi ta' sostenibbiltà minn età bikrija. L-apprendiment interġenerazzjonali u eżempji, problemi u reazzjonijiet lokali jistgħu jaġhmlu l-kurrikuli aktar rilevanti għall-istudenti, u juru li t-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u s-sostenibbiltà huma lokali u azzjonabbli.
 - (f) Jappoġġaw il-kooperazzjoni u n-networking dwar is-sostenibbiltà u l-bijodiversità, pereżempju bl-involvement tal-awtoritajiet lokali, tar-rappreżentanti taż-żgħażaġh, taċ-ċentri tal-edukazzjoni ambjentali, taċ-ċentri tal-foresti, u tal-parks, tal-azjendi agrikoli, tal-mużewijiet, tal-biblijoteki, tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, tar-riċerka, tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u tan-negozji.
 - (g) Jappoġġaw iż-żieda fil-prattiki tajbin u jinvestu fir-riċerka pedagoġika dwar l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
- (5) Jappoġġaw lill-istudenti billi jikkunsidraw il-miżuri li ġejjin:
 - (a) Jipprovdu l-opportunitajiet lill-istudenti, sa mill-preprimarja, biex jifhmu, jimpenjaw ruħhom favur id-dinja naturali u l-bijodiversità tagħha u

japprezzawhom, irawmu sens ta' kurżità u ta' meravilja u l-opportunitajiet biex jitgħallmu jaġixxu favur is-sostenibbiltà, kemm b'mod individwali kif ukoll b'mod kollettiv.

- (b) Isaħħu l-apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja favur is-sostenibbiltà ambjentali, permezz ukoll ta' traineeships, apprendistati, volontarjat, attivitajiet ekstrakurrikulari u forom oħra ta' apprendiment mhux formali u informali, anki permezz ta' appoġġ finanzjarju. Jirrikonoxxu u jippremjaw il-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali.
 - (c) Jiffaċilitaw metodi u approċċi ta' apprendiment li huma kollaborattivi, esperjenzali u rilevanti għall-kuntesti u t-tradizzjonijiet lokali. Dan jinkludi l-għoti ta' opportunitajiet prattiċi lill-istudenti biex josservaw u jieħdu ħsieb in-natura, jiffrankaw ir-riżorsi, isewwu, jużaw mill-ġdid u jirriċiklaw l-oġġetti, u b'hekk jgħinuhom jifhmu l-importanza ta' stili ta' ħajja sostenibbli u tal-ekonomija ċirkolari.
 - (d) Jipprovdu informazzjoni akkurata u aċċessibbli dwar il-kriżi klimatika u l-kriżi tal-bijodiversità, u x'inhom jikkawżahom, jiżviluppaw ħiliet ta' soluzzjoni tal-problemi u ta' kollaborazzjoni, irawmu l-ħsieb kritiku u l-ħiliet tal-litteriżmu medjatiku u jappoġġaw l-azzjonijiet pożittivi, fosthom il-volontarjat, biex jiffaċċjaw u jnaqqsu l-biża' u s-sens li ma jistgħu jagħmlu xejn li jistgħu jesperjenzaw l-istudenti fil-konfront tal-kriżijiet li qiegħda tiffaċċja l-pjaneta.
- (6) Jappoġġaw lill-edukaturi biex jiffaċilitaw l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali billi jikkunsidraw il-miżuri li ġejjin:
- (a) Jirrikonoxxu li l-edukaturi kollha, tkun xi tkun id-dixxiplina tagħhom jew ikun xi jkun is-settur tal-edukazzjoni tagħhom, huma edukaturi tas-sostenibbiltà li jeħtieġ li jappoġġaw lill-istudenti tagħhom fit-tħejjija għat-tranżizzjoni ekoloġika. Jinkludu, jikkonsultaw u jinvolvu lill-edukaturi fl-iżvilupp tal-kurrikuli u f'riformi edukattivi oħrajn relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, u fit-tfassil ta' żvilupp professjonali xieraq.
 - (b) Jintegraw is-sostenibbiltà ambjentali fil-programmi inizjali kollha tal-edukazzjoni tal-għalliema; fi programmi li jkomplu l-iżvilupp professjonali u fl-istandards u l-oqfsa professjonali tal-għalliema, sabiex jappoġġaw l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-edukaturi fir-rigward tas-sostenibbiltà.
 - (c) Joħolqu l-opportunitajiet u l-inċentivi biex l-edukaturi jieħdu sehem fi programmi ta' żvilupp professjonali relatati mas-sostenibbiltà, pereżempju billi jorbtuhom mal-progressjoni u l-iżvilupp tal-karriera, u joħolqu rwoli għall-edukaturi bħal koordinatur tas-sostenibbiltà.
 - (d) Jappoġġaw lill-edukaturi, anki billi jagħtuhom iż-żmien u l-ispazju meħtieġa, biex jadottaw pedagoġiji li jtejbu l-apprendiment dwar is-sostenibbiltà ambjentali u biex jindirizzaw l-edukazzjoni dwar is-sostenibbiltà b'modi interdixxiplinarji, u jiżviluppaw l-aspetti soċjoemozzjonali tal-apprendiment għas-sostenibbiltà ambjentali, sabiex l-istudenti kollha jkun jistgħu jsiru aġenti tal-bidla u jitgħallmu jieħdu azzjoni, kemm individwalment kif ukoll kollettivament, favur dinja aktar sostenibbli.

- (e) Iħeġġu u jiffaċilitaw tagħlim u apprendiment trasformattivi u interdixxiplinarji bl-użu ta' metodi ta' tagħlim kemm tradizzjonali kif ukoll innovattivi, fosthom l-apprendiment Prattiku, l-approċċ STEAM⁴², il-hackathons u l-ludifikazzjoni.
 - (f) Jiżviluppaw u jqassmu r-riżorsi biex jgħinu lill-edukaturi, anki fir-rigward tal-valutazzjoni. Jappoġġaw lill-edukaturi biex jużaw għodod u materjali tradizzjonali u ġodda biex it-tagħlim tagħhom ikun favur is-sostenibbiltà ambjentali f'firxa ta' ambjenti fuq ġewwa u fuq barra, diġitali u mhux diġitali. Jipprovdu aċċess għal ċentri ta' għarfien espert, inklużi ċentri għall-edukazzjoni ambjentali.
 - (g) Iħeġġu lill-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni tikkomunika ma' fornituri tal-edukazzjoni formali, mhux formali u informali biex jappoġġaw lill-edukaturi fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali. Jgħinu lill-persunal edukattiv biex jipparteċipa fi proġetti ta' esplorazzjoni u riċerka relatati mal-emerġenza klimatika, mal-kriżi ambjentali u mas-sostenibbiltà.
- (7) Jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jintegraw b'mod effettiv is-sostenibbiltà ambjentali fl-attivitajiet u fil-ħidmiet kollha tagħhom billi jikkunsidraw il-miżuri li ġejjin:
- (a) Iħeġġu u jiffaċilitaw approċċi effettivi għas-sostenibbiltà li jinvolvu lill-istituzzjoni sħiħa, li jinkludu t-tagħlim u l-apprendiment, il-viżjoni, l-ippjanar u l-governanza, il-parteeipazzjoni attiva tal-istudenti u tal-persunal, il-ġestjoni tal-binjiet u tar-riżorsi, is-sħubijiet ma' komunitajiet lokali u ma' komunitajiet aktar ġenerali, u r-riċerka u l-innovazzjoni. Jappoġġaw lill-mexxejja edukattivi fil-ġestjoni tal-bidla organizzazzjonali bi żvilupp professjonali u gwida ddedikati għar-rwoli tagħhom.
 - (b) Jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex ifasslu, jimmonitorjaw u jevalwaw l-istrateġiji ta' sostenibbiltà tagħhom u/jew jintegraw is-sostenibbiltà fil-proċessi u fil-miżuri eżistenti (eż. pjanijiet għall-iżvilupp tal-iskejjel, dikjarazzjonijiet tal-missjoni u strateġiji tal-edukazzjoni għolja). Jirrikonoxxu li dan huwa proċess fit-tul li jeħtieġ passi żgħar li jistgħu jitkejlu, li jiġu mmonitorjati u evalwati fuq bażi kontinwa, inkluż permezz ta' awtovalutazzjoni mill-istituzzjoni.
 - (c) Iħeġġu u jappoġġaw lill-iskejjel, lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, lill-fornituri tal-VET u lil fornituri oħrajn tal-edukazzjoni biex jieħdu sehem fi programmi ta' ċertifikazzjoni ekoloġika li jistgħu jgħibu benefiċċji ambjentali, edukattivi u ekonomiċi. Jipprovdu strutturi ta' appoġġ għal skemi bħal dawn, eż. aġenziji jew korpi biex jappoġġaw approċċi li jinvolvu l-istituzzjoni sħiħa, mentoraġġ u networking, mudelli u gwida, appoġġ finanzjarju.
 - (d) Jiffokaw parti mill-mekkaniżmi interni u/jew esterni ta' rieżami u ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ fuq is-sostenibbiltà. Jippremjaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja permezz ta' oqfsa ta' finanzjament ibbażati fuq ir-riżultati tal-impenn effettiv tagħhom favur is-sostenibbiltà.
 - (e) Ikomplu jintegraw is-sostenibbiltà ambjentali fil-programmi, fil-kurrikuli u fil-moduli, f'firxa ta' dixxiplini, bħall-istudji tan-negozju, ix-xjenzi soċjali, l-

⁴² L-approċċ STEAM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija, Arti u Matematika) iħaddan il-potenzjal kreattiv li jikkombina l-edukazzjoni STEM mas-suġġetti artistiki, mal-istudji umanitarji, u max-xjenzi soċjali

arkitettura u l-ingenierija, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-użu tal-art. Jagħmlu użu mir-riżorsi u mill-materjali żviluppati minn organizzazzjonijiet mhux governattivi ambjentali u edukattivi u minn korpi rilevanti oħrajn.

- (f) Jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tal-VET fl-iżvilupp ta' korsijiet ta' taġlim qosra u mfassla apposta dwar is-sostenibbiltà ambjentali, li jwasslu għal mikrokredenzjali, sabiex japprofondixxu, iwessgħu u jaġġornaw il-kompetenzi professjonali.
 - (g) Jappoġġaw sħubijiet man-negozji, mal-istituzzjonijiet tal-arti, mal-azjendi agrikoli, ma' istituzzjonijiet tal-wirt kulturali, tal-isport, mal-istituti tar-riċerka, mal-industrija tar-riżorsi edukattivi (inklużi t-teknoloġija, il-pubblikazzjoni u taġmir ieħor tal-kurrikulu) u r-riċerka edukattiva. Jiżviluppaw programmi ekstrakurrikulari, tas-sajf u oħrajn filwaqt li jipprovdu appoġġ għall-internships, pereżempju, f'laboratorji, f'negozji, f'istituzzjonijiet ta' riċerka, f'organizzazzjonijiet mhux governattivi.
- (8) Jimmobilizzaw fondi nazzjonali u tal-UE għall-investiment fl-infrastruttura, fit-taħriġ, fl-għodod u fir-riżorsi biex iżidu r-reżiljenza u t-tnejja tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari l-Erasmus+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa u InvestEU.
- (9) Jinvestu fil-monitoraġġ, fir-riċerka u fl-evalwazzjoni tal-isfidi tal-politika u tal-impatt ta' dawn l-inizjattivi sabiex jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda u jinfurmaw it-tfassil tal-politiki, anki billi jappoġġaw l-iżvilupp ta' indikaturi u miri komuni dwar is-sostenibbiltà ambjentali fl-edukazzjoni.

B'DAN JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI BIEK:

1. Tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-apprendiment bejn il-pari fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati tal-apprendiment għas-sostenibbiltà ambjentali permezz ta':
 - 1.1. Il-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030),⁴³ fejn l-edukazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika hija qasam prijoritarju ewlieni.
 - 1.2. Ixxandar l-opportunitajiet għall-promozzjoni, l-appoġġ u l-iffaċilitar tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-sostenibbiltà ambjentali fi ħdan il-programmi ta' finanzjament tal-UE, bħal Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, LIFE, il-Fond Soċjali Ewropew, Orizzont Ewropa, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u tteġġe l-użu taġhom.
 - 1.3. Taqsa il-prattiki tajbin minn skambji tal-persunal ta' Erasmus+, minn proġetti u networks, inkluż permezz tal-Universitajiet Ewropej tal-Erasmus+, il-komunità online eTwinning, kif ukoll miċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, mill-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija.
 - 1.4. Tidentifika, tirreġistra u taqsa eżempji ta' Prattika Tajba, inkluż permezz ta' pjattaformi online eżistenti⁴⁴ u tappoġġa n-networking ta' organizzazzjonijiet

⁴³ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2021/C 66/01

⁴⁴ Dan jista' jinkludi l-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika li se tinholq, ir-Rokna tal-Apprendiment, il-Pjattaforma "Ix-Xjenza tal-Għaġeb"! il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, l-EPALE, Scientix, l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati, il-Patt għall-Ħiliet.

nazzjonali u organizzazzjonijiet oħrajn attivi fl-edukazzjoni u fis-sostenibbiltà ambjentali fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali.

- 1.5. Tinvolti liż-żgħażaġh fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari permezz tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 u d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, biex jiġi tiżgura li jitqiesu bis-sħiħ l-opinjoni, il-fehmiet u l-ħtiġijiet taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh.
- 1.6. Toħloq sinerġiji mal-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima u l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.
2. Tiżviluppa u taqşam ir-riżorsi, il-materjali u r-riċerka dwar l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, inkluż dwar qafas Ewropew ġdid ta' kompetenza dwar is-sostenibbiltà.
3. Tgħin lill-edukaturi biex jgħallmu favur is-sostenibbiltà ambjentali billi:
 - 3.1. Tipprovdi r-riżorsi u l-materjali ta' appoġġ fuq il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika li ġejja, fuq l-EPALE u fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ.
 - 3.2. Tirrikonoxxi metodi ta' taġħlim u ta' apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali li jispikkaw, permezz ta' skemi ta' premjijiet tal-UE, inkluż il-Premju Ewropew għat-Tagħlim Innovattiv, il-Premju eTwinning u l-Premjijiet Ewropej għall-Ħiliet Vokazzjonali.
4. Tissorvelja l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi fl-edukazzjoni għolja, mill-gradwati tal-VET u mir-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, pereżempju billi dawn jiddaħħlu fl-inizjattiva Ewropea ta' traċċar tal-gradwati.
5. Tissorvelja l-progress fl-edukazzjoni favur is-sostenibbiltà ambjentali fil-qafas tar-rapporti dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.
6. Issaħħaħ il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali eżistenti, b'mod partikolari l-UNESCO u korpi oħra tan-NU, biex ma' dawk li jfasslu l-politika, mal-prattikanti u l-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri, jitravwem approċċ għall-edukazzjoni u t-taħriġ favur is-sostenibbiltà ambjentali li jinkorpora l-ekwità, l-inklużjoni u l-ġustizzja, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
7. Tkompli ssaħħaħ id-dimensjoni ekoloġika tal-programm Erasmus+ u tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, permezz tal-mobbiltà ekoloġika, tal-prattiki ekoloġiċi fil-proġetti u permezz ta' fokus qawwi fuq is-sostenibbiltà ambjentali fil-kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u taż-żgħażaġh.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*